MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 823/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Nicholas Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Nicholas Vella, ta' 25 sena, iben Emanuel u Rose Mary nee' Farrugia, imwieled il-Pieta, nhar it-18 ta' April, 1986 residenti fil-fond numru 49, The Chimes, Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 181486M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-18 ta' Lulju, 2011 ghall-habta ta' 11.50 hrs gewwa c-Centru ta' Detox, sitwat f'Pjazza San Luqa, Pieta' u f'dawn il-Gzejjer :

1. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku Dr. Joseph Tonna M.D. hekk kif ccertifika Dr. Chris Muscat M.D. (1493) tac-Centru tas-Sahha Qormi.
2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Kap 9 Art. 95.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti. Kap 9. Art 96.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma' jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom, Kap 9. Art 91.
5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied. Kap 9. Art 338(dd).
6. U aktar talli qal kliem oxxen fil-pubbliku.
7. Talli bil-hsieb li jtellef jew inaqas il-gieh ta' xi hadd, lil Dr. Joseph Tonna M.D. wegghu bi kliem, jew b'xi mod iehor.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti, liema sentenza hi definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Lulju, 2011 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fit-18 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tal-11.50 a.m. fic-Centru tad-Detox, f’Pjazza San Luqa, Pieta’ fejn l-imputat li kien pazjent li kien jattendi dan ic-Centru agredixxa lil Dr. Joseph Tonna u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa kif jirrizulta mic-certifikat mediku inserit a fol. 12 tal-atti processwali. Dr. Joseph Tonna xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Frar 2012 fejn dan spjega li l-imputat kien pazjent tieghu d-Detox u li sal-gurnata li sehh l-incident huwa kellu relazzjoni tajba mieghu. Huwa qal ukoll li dakinhar li sehh l-incident l-imputat li kien ilu ftit ma jattendi u kien tilef appuntament, kien mar minghajr appuntament u pretenda li Dr. Tonna jarah dak il-hin stess u meta dan spjegalu li kellu x’jaghmel u ma setghax jarah u tah appuntament ghal gimghatejn wara, l-imputat beda’ joffendih bil-familja, qabad il-karta tal-appuntament u qattaghha u meta Dr. Tonna talbu johrog il’barra mill-ufficju tieghu huwa agredih fejn Dr. Tonna spicca mal-art bl-imputat fuqu u l-imputat qattalu l-qmis u girfu f’ghonqu.

L-mputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fis-17 ta’ Lulju 2011 kien irrilaxxja stqarrija[1] fejn huwa qal li kien talab appuntament lil Dr. Tonna bil-prudenza izda Dr. Tonna ma ridx jisma’ u tah appuntament ghat-18 ta’ Awwissu u huwa ghalhekk qabad l-appuntament u tefghu fuq il-mejda u hareg il’barra. Dr. Tonna mbaghad mar warajh, qabez fuqu hu u qallu sabiex joqghod attent kif ikellmu.

Ikkunsidrat:

[1] Inserita a fol. 14 u 15 tal-atti processwali.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju mill-kredibilita' ta' Dr. Joseph Tonna u jidrilha li dak li xehed jirrifletti ezattament kif svolgew l-affarijiet dakinhar tal-incident. Mix-xhieda ta' Dr. Tonna fil-fatt jirrizulta li l-imputat agredixxa bi vjolenza lil dan tal-ahhar, ikkagunalu griehi ta' natura hafifa, irrizulta wkoll li huwa offendih u nsultah u li huwa kiser il-paci u l-buon ordni. Mix-xhieda ta' Dr. Tonna ma jirrizultax car jekk l-imputat qalx kliem oxxen u l-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati ta' din l-imputazzjoni. L-imputat jinsab ukoll akkuzat li huwa recidiv u s-sentenza relattiva fil-fatt tinsab inserita a fol. 41 sa 45 u saret ukoll id-debita prova tal-identita'. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv dik li qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2012 l-imputat skuza ruhu ma' Dr. Tonna ghall-akkadut u dan tal-ahhar accetta l-iskuza u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221, 95, 96, 91, 338(dd) u 252 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum. II-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------